KUNSILL LOKALI - GHAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

**Minuti tal-Hamsa u Hamsin (55) Laqgha tas-Sebgha(7) Kunsill Lokali Ghaxaq**

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq iltaqa' ghal Laqgha Numru 55 fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm.

**Preżenti**.

**IS-SINDKU DARREN ABELA**
**Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO**
**IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS**
**IL-KUNSILLIER KEITH FENECH**
**IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI**

**IS-SEGRETARJU EZEKUTTIV FIONA SAID**

**L-AMBAXXATRICI TAZ-ZGHAZAGH SARAH BONNICI -skuzata**

Il-Hamsa u Hamsin (55) Laqgha tas-Sebgha (7) Kunsill inzammet b'din l-Agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti

2. Approvazzjoniji tal-Hlasijiet:
   A. Skeda ta' Pagamenti: Numru 55/2016 - Mejju 2016
   B. Petty Cash – Mejju 2016

3. Attivita' – Cheese and Wine Festival' – 16 ta' April 2016

4. Approvazzjoni tar-Rapport Finazjarju Ottubru – Dicembru 2015

5. Financial Statements 2015

6. Korrispondenza

7. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

8. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

9. Aggornament tal-Laqgha

**Bidu tal-Laqgha:**

Il-Laqgha infethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Darren Abela.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 54 li nzammet nhar it-Tlieta, 26 ta’ April 2016 .

1.2. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 54 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Rigward l-Ambaxxatrici taz-Zghazagh gejna infurmati li l-Ambaxxatrici tista tibqa bhala Ambaxxatrici anki meta taghlaq it-18-il sena.

1.4 Rigward il-konki tal-gebel li il-Kunsill qabel li jitpoggew fi Triq San Filippu, is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li se ninxtraw 4 kif kien gie deciz u l-prezz huwa ta’ €90.

1.5 Rigward Item 7.7 il-Vici Sindku Emanuel Vassallo staqsa rigward l-iskema ta’ Parkegg li ma gietx approvata fi Triq il-Gudja. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet saret it-talba biex quddiem l-iskola jitwahhlu tabelli ta’ *No Parking* mill-7:00am sa 5:00pm izda din ma gietx accettata. Is-Sindku Darren Abela qal dawn bzonnjuzi u ghaldaqstant ippropona li jitwahhlu xorta. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo sostna li jekk dawn ha jitwahhlu, xorta se jinqalghu mit-TM. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jitnehha id-*double yellow line* biex il-karozzi ikunu jistghu jipparkjaw.

1.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 54. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 54 gew approvati unanimament.

2. **Approvazzjoni tal-Hlasijiet:**

***A. Skeda ta’ Pagamenti : Numru 55/2016 – Mejju 2016***

2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 55-2016 bic-cekkijiet numru 5160 sa 5203 li tammonta €29,143.68
Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

2.2 L-iSkeda ta’ Pagamenti numru 55-2016 giet approvata unanimament.

3. **Attivita’ Cheese and Wine Festival – 16 ta’ April 2016**

***F’dan l-istadju tal-laqgha l-organizzatur tac-Cheese and Wine Festival gie mistieden sabiex tigi diskussa din l-attivita’.***

3.1 Is-Sindku qal li kien hemm hafna kummenti pozittivi izda ukoll kummenti negattivi u diversi ilmenti rigward din l-attivita’. L-organizzatur qal li l-ilmenti li kien hemm huwa lest li jindirizzahom kollha jekk dan jerga’ jinghata l-opportunita li jerga jorganizza din l-attivita’.

3.2 L-attivita’ kienet wahda ta’ success fejn kien hemm numru kbir ta’ turisti u konkorrenza kbira ta’ nies. Huwa qal li is-sena d-diehla huwa lest li jinvesti f’iktar spettaklu.

3.3 Is-Sindku Darren Abela semma xi ilmenti u suggerimenti rigward din l-attivita’:
- Jizdiedu iktar *stalls* li jippromwovu t-tema tal-gobon u l-inbid
- Jigu mistiedna iktar *bands* lokali stabiliti u jizdied palk iehor
- Bi ftehim mal-kazini tal-lokali jista jsir iktar dawl
- L-Attivita ghandha tinfirex fuq *area* ikbar u tintuza il-fetha ta’ wara l-Knisja

3.4 Is-Sindku Darrn Abela tkellem dwar ilment komuni rigward l-*platters* li gew offruti u l-kwalita’ ta’ gobon li kien hemm. Dan gara wara id-9.30pm fejn l-ammont ta’ gobon beda jispicca. Ghaldaqstant l-organizzatur wieghed li ghas-sena d-diehla din il-problema se tigi indirizzata billi jzid il-kwantitajiet.

3.5 Is-Sindku Darren Abela irringrazzja lill-organizzatur ghal din l-attivita’ u ghal prezenza tieghu ghal din il-laqgha.

**4. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju: Ottubru – Dicembru 2015**

4.1 L-accountant tal-Kunsill ma baghatx ir-rapport imsemmi

**5. Financial Statements 2015**

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li ghaddiet id-dettalji tal-accountant lil Avukat minhabba li minn l-ahhar laqgha li ghaddiet ma sar ebda komunikat min-naha tal-accountant.

5.2 L-avukat tal-Kunsill wiegeb li baghat ittra ufficjali lill-Accountant kemm bil-posta u kemm b’email.

5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li wara li id-Dipartiment intalab jintervjeni f’dan l-istadju, il-Kunsill inghata twegiba li mid-Dipartiment ma jista jsir xejn izda il-Kunsill ghandu jkellem lil avukat tieghu.

**6. Korrispondenza**

6.1 Rigward il-laqgha li nzammet mar-rapprezentanti tal-kazin San Guzepp, is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat kwotazzjonijiet ghal mobile toilets bil-prezz ta’ €20 + VAT. Il-Kunsill qabel li jikri zewg mobile toilets.

6.2 Tressqet kwotazzjoni ohra ghal kiri ta’ bins ghal prezz ta’ €6.75 + VAT kull gurnata. Dwar dan il-Kunsill ma qabilx li jikri. Gie propost li tintalab kwotazzjoni ghax-xiri ta’ dawn l-istess bins.

6.3 Rigward il-Gwardjani lokali, il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat korrispondenza lir-Regjun fejn jikkonfermaw li l-iskema ta’ rifuzjoni fil-hlasijiet tal-gwardjani lokali ghadha fis-sehh.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret dwar l-invit li intbaghat b'email dwar stedina mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju fid-9.00pm.

6.5 Tressqet korrispondenza rigward organizzazzjoni ta' korsijiet tal-pottery li jistghu isir gol-Kunsill Lokali ghal prezz ta' €99 –il-kors. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li l-ispiza ghal dan il-kors hija gholja.

6.6 Tressqu applikazzjonijiet tal-MEPA :
(a) PA/00454/16: change of use from greengrocer to beauty parlour in Triq Santa Marija
(b) PA/01767/16: internal alterations in Triq San Bastjan
(c) PA/01488/16: construction of second floor, Triq il-Gistakor

6.7 Ircevejna korrispondenza minghand kumpanija Refab Malta fejn qed joffru li jitpogga kontenitur fil-lokalita' fejn kull resident jista jmur jarmi hwejjeg u oggetti relatati u dan minghajr hlas. Il-Kunsill qabel li juri interess u jippropi li jsir fejn il-ground tal-Kappillan.

6.8 Tressqet korrispondenza rigward *invoice* ta' €100 minghand Klabb Bocci Ghaxaq rigward organizzazzjoni ta' tournament li sar f'April. Il-Kunsill approva dan il-pagament bhala parti mill-*budget* ta' Jum Hal Ghaxaq.

6.9 Tressqet kwotazzjoni ta' *First Aid boxes* ghall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jixtri wahda.

6.10 Tressqet korrispondenza minghand l-insurance tal-Kunsill rigward il-kaz ta' l-accident tal-mutur fi Triq ir-Rebbiegha. L-insurance talbet lill-Kunsill ihalles l-access ta' €500. Il-Kunsill qabel li jithallsu.

6.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-iskeda tar-rati ghat-Tender Numru *GHLC/T/01/2016: Tender for the Upkeep and Maintenance of Access Roads*. Ghal dan it-Tender kien hemm zewg offerti li gew mibghuta lill-Perit tal-Kunsill ghall-Evalwazzjoni.

6.12 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ukoll l-iskeda tar-rati ghat-Tender Numru *GHLC/T/02/2016: Tender for the Construction of Triq il-Milwa*. Ghal dan it-Tender kien hemm hames offerti fejn l-orhos offerta kienet ta' Schembri Infrastructures Ltd ghal prezz ta' € 24,040.14. Dawn it-tenders gew ukoll mibghuta lill-Perit tal-Kunsill ghall-Evalwazzjoni.

Il-Kunsill jista jiehu decizjoni

**7. Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar talba minghand in-Nursery sabiex bhas-snin precedenti terga ssir is-*summer school* fejn il-Kunsill ihallas il-*coaches* ghall-ispiza ta' €250 kull *coach*. Il-Kunsill qabel.

7.2 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar kwotazzjoni sabiex jinxtraw 2000 *magnet* bl-iskeda ta' gbir ta' skart ghall-prezz ta' €0.54- il wahda. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru dawn il-magnets. Il-Kunsill qabel li jgib kwotazzjoni ta' stickers A6 biex jitqassmu lir-residenti tal-lokal.

7.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba biex Triq il-Kuncizzjoni tigi espropjata. Il-Kunsill qabel.

7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li il-Kunsill ircieva risposta minghand l-ELC rigward it-talba biex jissaqqew il-pjanti minhabba li qed jiehdu l-ilma mill-giebja fi Triq San Filippu. L-ELC irrifjutat li taghmel dan minhabba li huma ghadhom ftehim ta' PPP sabiex juzaw dawn il-*points*. Is-Sindku ppropona li tintbaghat korrispondenza fejn nitolbuhom li fl-obbligu taghhom hem li jridu jizirghu il-bushes fejn hemm nieqes fil-bypass.

7.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mill-kazin ta' Santa Marija biex jinghataw ghajnuna finanzjarja ghal hlas tal-pulizija fl-attivita li saret meta rebhu ir-rikonoxximent fil-piroteknika. Il-Kunsillier Keith Fenech qal li jekk se jithallsu dawn, se jinholoq precedent u kazini ohra se jkunu qed jitolbu l-istess hlas f'attivitajiet ohra. Is-Sindku qal li din kienet attivita li saret ta' darba ghax kisbu dan l-unur. Ghaldaqstant il-Kunsill ma qabilx u dan sabiex ma jinholoq l-ebda precedent.

7.6 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar it-tindif li hemm bzonn isir wara l-ground tan-nursery fejn il-Kunsill jarmi hafna boroz li jingabru mill-haddiema taghna. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jgib stima tax-xoghlijiet sabiex titnaddaf u jintremew l-affarijiet.

## 8. Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

8.1 Il-Vici Sindku Emmanuel Vassallo gibed l-attenzjoni li Triq Ta' Kalamija qed tinghata wicc gdid. Is-Sindku qal li se jara min qed jahdem dan ix-xoghol.

8.2 Il-Vici Sindku Emmanuel Vassallo qal li hemm id-dawl fi Triq il-Belt Valletta (minn arblu numru 15) mitfi.

8.3 Il-Vici Sindku Emmanuel Vassallo qal li hemm bozza mitfija fi Triq Santu Kristu fejn il-parti fejn il-hamrija.

8.4 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm hafna haxix mal-bankina fi Triq il-Hannieqa. Is-Sindku qal li se jibghat il-haddiema.

8.5 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm hofra fi Triq Napuljun Caruana Dingli ma Triq il-Hannieqa. Is-Sindku qal li se jibghat il-haddiema.

**9. Aggornament tal-Laqgha**

9.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju, 2016 fis-6.00pm

Il-Laqgha ntemmet fid-9.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |